**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 t'Ottubru 2021**

**Talba Nru: 292/19 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Malcolm u Erika Aber skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim N18002583)**

**vs.**

**Kunsill Lokali Mosta u b'digriet tat-12 ta' Frar 2020 issejjhet fil-kawza s-socjeta' GO plc.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-8 t'Ottubru 2019, li permezz taghha ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kkumpensat lill-assikurati taghha Malcolm u Erika Aber, is-somma ta' hamest'elef, tliet mija u hamsa u erbghin Euro (€5,345) rapprezentanti hsarat u danni sofferti mill-assikurat Malcolm Aber in segwitu ghal incident li sehh fis-6 ta' Ottubru 2018 waqt li l-assikurat tal-mittenti kien qed isuq ir-rota fi Triq Frangisku Pisani, Mosta, kien hemm hofra fit-triq u tar minn fuq ir-rota, u kien hemm hsarat konsiderevoli fir-rota, helmet, zarbun, u cycling shorts;

Illi l-imsemmija rota hija wahda li ghandha carbon frameset u munita bl-ahjar specifikazzjonijiet maghrufa bhala Carrera TD 01; illi sussegwentement, is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Malcolm u Erika Aber;

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici titlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assikurata taghha u jigu kkundannati jhallus lis-socjeta' attrici d-danni riklamati fl-avviz;

Illi ai finijiet ta' kompetenza is-socjeta' attrici rriduciet il-pretensjoni taghha ghal hamest'elef Euro (€5,000) u tiddikjara li qed tirrinunzja ghall-bilanc ta' hamsin Euro (€50);

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 580/2019 u bl-interessi mit-2 t'April 2019, data tan-notifika tal-istess ittra kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-kunsill konvenut imressqa fil-31 t'Ottubru 2019, li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi l-konvenut f'din it-talba mhux il-legittimu kontradittur.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi b'digriet tat-12 ta' Frar 2020 issejjhet fil-kawza s-socjeta' GO plc.

Ra r-risposta tas-socjeta' msejjha fil-kawza prezentata fil-5 ta' Mejju 2020, li eccepiet:

1. Fl-ewwel lok, is-sejha fil-kawza tas-socjeta' esponenti hija irrita u nulla peress illi mhix konformi mar-regolament tal-legislazzjoni sussidjarja 380.01 (Regoli Dwar Tribunali ghal Talbiet Zghar).
2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif formulata fil-konfront tas-socjeta' esponenti, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra illi fit-23 ta' Novembru 2020 inghatat sentenza fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' msejjha fil-kawza.

Sema' x-xiehda ta' Clint Farrugia[1], Malcolm Aber[2], Antoine Mugliette[3], Steve Sciberas[4], PC 1376 Angelo Camilleri[5], Lorraine Templeman[6], Pierre Attard[7], u Michael Zammit[8].

Sema' t-trattazzjoni.

Ra illi din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra ulterjorment.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob li tithallas ghal hlasijiet li ghamlet favur l-assigurati taghha Malcom u Erika Aber, wara li l-imsemmi Malcolm Aber kellu incident bir-rota u garrab xi danni minhabba l-istess incident.

Illi t-Tribunal jinnota illi d-danni gew sewwa pruvati kemm bix-xiehda tas-surveyor Antoine Mugliette, kif ukoll ta` Steve Sciberras li jbiegh roti u parts tal-ghamla tar-rota f'din il-kwistjoni.

Illi l-imsemmi Malcom Aber allega illi l-incident sehh minhabba li fi Triq Frangisku Pisani, il-Mosta, kien hemm tappiera li kellha l-genb taghha li ma kienx mimli sewwa bit-tarmac, tant li ffurmat hofra. Ir-rota dahlet f'din il-hofra, waqa`, u r-rota sofriet

[1] Fol. 12
[2] Fol. 17
[3] Fol. 22
[4] Fol. 24
[5] Fol. 56
[6] Fol. 83
[7] Fol. 94
[8] Fol. 106

il-hsarat indikati mix-xiehda. Ir-rota in kwesjtoni hija wahda maghmula minn carbon fibre, li huwa materjal gholi u li mhux facilment jitranga. L-ispejjez involuti ghat-tiswija kienu tali illi r-rota gie dikjarata bhala *total loss*.

Illi l-kunsill konvenut sejjah fil-kawza lis-socjeta' GO plc, li min-naha taghha gabet il-prova illi hija ma tuzax it-tappiera in kwestjoni, jew il-culvert li ghalih din it-tappiera taghti access. Anzi wriet illi hija l-korporazzjoni EneMalta li ghandha l-uzu tal-istess, ghalkemm l-istess tappiera mhijiex strettament tal-korporazzjoni EneMalta. Ghalhekk is-socjeta' msejjha fil-kawza m'ghandhiex tinstab responsabbli ghal dawn il-hsarat.

Illi dan kollu jwassal lit-Tribunal sabiex jikkonsidra Artikolu 33 (1)(a) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li kull kunsill lokali huwa responsabbli ghaz-zamma tat-toroq li jaqghu fil-konfini tieghu, ghajr ghal dawk it-toroq li huma responsabbilta' ta' Infrastruttura Malta. Ma gie bl-ebda mod pruvat illi din it-triq partikolari mhijiex responsabbilta' tal-kunsill lokali konvenut, u ghaldaqstant ir-responsabbilta' tal-akkadut taqa' bis-shih fuq il-kunsill lokali konvenut, li l-obbligu tieghu li jzomm it-triq jinkludi dak illi t-triq madwar l-istess tappiera tkun fi stat tajjeb. Ghalhekk il-kunsill lokali konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq isemmija, it-Tribunal qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' msejjha fil-kawza u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, u qieghed ukoll jichad l-eccezzjonijiet tal-kunsill lokali konvenut u ghalhekk jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lill-kunsill lokali konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet relattivi ghas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 ghandhom jibqghu kif decizi. Il-bqija tal-ispejjez u drittijiet, kif mitluba, ghandhom jithallsu mill-kunsill lokali konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Registratur